## GĦANJA TAL-ĦARIFA

*Fil-bogħod*
*is-sħab minxur mas-sema*
*siparju fin tal-ħarir*
*stirat quddiem il-mewt.*

*Fit-toroq*
*ir-riħ jigref, bi dwiefru,*
*u jħaxwex fil-weraq li waqa'*
*mis-siġar tal-ħarrub.*

*Fuq rasna*
*l-għasafar ċkejkna*
*imbeżżgħin mill-ajruplani*
*fi qtajja' jiġru mbikkija.*

*Fil-ġnien*
*tal-larinġ, fil-vaska siekta,*
*iħażżeż triqtu l-wiżż*
*simbolu minsi tal-imħabba.*

*U fil-ħdura*
*tal-ilma li far mill-funtana*
*jitwessgħu ċ-ċrieki*
*fejn għereq ftit ilu l-ibjad ġilju.*

*Fil-vojt*
*ta' qalbi, jitqanqlu t-tifkiriet*
*Trampil fil-bir tal-memorja –*
*u l-ħsieb iqabbel l-imgħoddi, bħal moħriet.*

21.x.54 P.S. INGLOTT